

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta' rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu għal dawk kollha li jaħdmu jew jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-baħar, fosthom il-baħrin, is-sajjieda u l-familji tagħhom.

**Qari:** Minn messaġġ li l-Papa Franġisku bagħat permezz ta' vidjow lil dawk li jaħdmu fuq il-baħar u li ma setgħux jiżbarkaw minħabba l-lockdown tal-coronovirus. (12 ta' Lulju 2020)

Dawn huma żminijiet diffiċli għad-dinja tagħna, għax irridu nħabbtu wiċċna mat-tbatija kkawżata mill-coronavirus. Għalhekk ix-xogħol tagħkom bħala baħħara u bħala sajjieda, sar saħansitra aktar importanti peress li qed jipprovdi lill-familja kbira tagħna l-bnedmin bl-ikel u ħtiġijiet primarji oħra. Għal dan aħna grati lejkom, iżda wkoll għax nafu r-riskji li tiffaċċjaw fix-xogħol tagħkom.

F'dawn l-aħħar xhur ħajjitkom u x-xogħol tagħkom raw bidliet sinjifikanti; kellkom tagħmlu, u qed tkomplu tagħmlu, ħafna sagrifiċċji: perijodi twal abbord vapuri mingħajr ma tistgħu tiżbarkaw, separazzjoni mill-familji, separazzjoni mill-ħbieb u mill-pajjiżi fejn twelidtu, il-biża' ta' infezzjoni... dawn l-affarijiet kollha huma piż kbir biex iġġorru, issa aktar minn qatt qabel. ....Ix-xogħol tagħkom fuq il-baħar ta' spiss iżommkom 'il bogħod min-nies iżda intom tinsabu qrib tiegħi, f'talbi u fi ħsibijieti, kif ukoll f'dawk tal-kappillani tagħkom u tal-voluntieri ta' Stella Maris.

Mulej Alla tiegħi, jiena nħobbok u nadurak.
Nirringrazzjak ta' dak kollu li tagħmel magħna l-bnedmin.
Nirringrazzjak tal-ħolqien u fuq kollox tal-baħar
li joffri mezz ta' għixien lill-baħħara u s-sajjieda u lill-familji tagħhom.
Mulej, nitolbok sabiex tkun mas-sajjieda, mal-baħrin
u ma' dawk kollha li b'xi mod jew ieħor
jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-baħar,
speċjalment f'dawk il-mumenti meta jiffaċċjaw

il-maltempati u l-qilla tal-baħar li jpoġġulhom ħajjithom fil-periklu.
Kun int, Mulej, l-għajnuna u l-wens tagħhom
meta jħossuhom imbegħdin mill-maħbubin tagħhom.
Agħmel, Mulej, sabiex l-isforzi tagħhom
jipprovdu ’l-umanità bl-ikel u ħtiġijiet oħra neċessarji,
jiġu apprezzati minn min iħaddimhom,
kif ukoll minna lkoll li ngawdu l-frott tal-ħidma tagħhom.
Mulej, nitolbuk sabiex iżżomm idejk fuqhom,
speċjalment f’dan iż-żmien ta’ din il-pandemija,
sabiex, kif qal il-Papa Franġisku, huma jkunu kapaċi jġorru
l-piż ta’ perijodi twal iżżejjed abbord vapuri,
it-tul ta’ żmien ta’ separazzjoni mill-familji u l-ħbieb tagħhom,
kif ukoll il-biża’ ta' infezzjoni.
Nitolbu wkoll għall-kappillani u għall-voluntieri ta’ Stella Maris,
li jwettqu l-missjoni tagħhom fost il-baħħara u s-sajjieda,
sabiex huma jagħrfu joffru spalla u sapport
lil dawn il-ħaddiema, li tant qed isofru biex jaqilgħu
l-għixien tagħhom u tal-maħbubin tagħhom.

**KANT**

**Qari:** Minn diskors li l-Papa Franġisku għamel lill-kappillani u lill-voluntiera ta’ Stella Maris (Appostolat tal-Baħar) fis-27 ta Ġunju 2019

Ħadd ma jista’ jiċħad kemm is-soċjetà tagħna tiddependi fuq l-industrija marittima, peress li aktar minn disgħin fil-mija tal-kummerċ dinji huwa ttrasportat minn vapuri ta' diversi tipi. Mingħajr baħħara, l-ekonomija globali tieqaf; u mingħajr sajjieda, ħafna partijiet tad-dinja jbatu l-ġuħ.....

Il-ħajja tal-baħrin jew tas-sajjieda mhijiex biss effettwata b'iżolament u distanza. Xi drabi, hija effettwata wkoll b'uġigħ li jiġi minn esperjenzi ta’ mistħija ta' abbuż u inġustizzji, minn dawk involuti fit-traffikar tal-bnedmin u mir-rikatt ta’ xogħol sfurzat. F’xi drabi oħra, ma jitħallsux is-salarju ġust tagħhom jew jitħallew f'portijiet imbiegħda. Minbarra t-theddid min-natura – maltempati u uragani – huma jiffaċċjaw ukoll theddid uman, bħal piraterija jew attakki terroristiċi. Huma jaqsmu l-oċeani u l-ibħra tad-dinja, u jinżlu f’portijiet fejn mhux dejjem jilqgħuhom.

Bħala kappillani u voluntieri ta' Stella Maris, intom ġejtu fdati bil-missjoni tal-preżenza, biex twasslu l-Aħbar it-Tajba tal-Mulej Ġesù fid-dinja kumplessa u varjata tal-baħħara. Iż-żjarat ta' kuljum tagħkom fuq il-vapuri joħolqulkom opportunità li tiltaqgħu ma' nies f'sitwazzjonijiet konkreti, fejn xi drabi jkunu qed iħossuhom sereni, u drabi oħra jkunu anzjużi jew saħansitra inkwetati ħafna.

Mulej Ġesù, inti ħtart grupp ta' sajjieda biex ixandru l-Bxara t-tajba.
Mhux hekk biss, imma fdajt il-Knisja tiegħek
f'idejn Pietru li kien sajjied.
Illum, Mulej, is-sitwazzjoni tas-sajjieda ma tantx tjiebet wisq:
xogħol iebes, maltempati u baħar imqalleb,
fost il-ħafna problemi oħra marbutin mas-sajd.
Illum is-sajjieda u l-baħħara, minbarra dawn l-isfidi,
qed jiffaċċjaw sfidi oħra, xi kultant aktar iebsa:
żmien twil 'il bogħod mill-familja u l-ħbieb,
kif ukoll abbużi u inġustizzji minn min ħobb il-flus
iktar mill-ħajja tal-bniedem.
Għalhekk, Mulej, huma għandhom bżonn min ixandrilhom
il-Bxara t-tajba, min jurihom l-imħabba tiegħek,
min ifakkarhom fil-Preżenza tiegħek fost il-bnedmin.
U l-membri ta' Stella Maris qed jagħmlu propju dan.
Għalhekk, Mulej, nixtieq nirringrazzjak talli hawn tant nies,
sew kappillani u kif ukoll voluntieri, li jaħdmu fost il-baħħara, is-sajjieda,
kif ukoll il-familjari tagħhom, u jakkumpanjawhom.
Mulej, nitolbu għal dawk kollha li qed joffru dan is-servizz prezzjuż
sabiex, permezz tal-ministeru tagħhom, huma jisimgħuhom
u jaqduhom fil-ħtiġijiet materjali u spiritwali tagħhom.
Mulej, agħtihom l-għajnuna ħalli
bil-kompassjoni u d-diskrezzjoni tagħhom,
huma jkomplu joffrulhom iċ-ċans
li jiftħu qalbhom magħhom u b'hekk isibu xi ftit serħan.
Għinhom, Mulej, ħalli, permezz tal-akkumpanjament u s-smigħ,
huma juru rispett u mħabba, biex b'hekk huma
jkunu jistgħu jifhmu l-qagħda ta' dawn il-persuni vulnerabbli
u jgħinuhom jiksbu t-tama għal futur aħjar.

Nixtieq nitlob ukoll għal dawk il-baħħara li jgħaddu
minn esperjenzi ta' abbuż u inġustizzji,
kif ukoll għal dawk li sfaw vittmi tat-traffikanti tal-bnedmin,
jew ta' xogħol sfurzat, piraterija jew attakki terroristiċi.
Agħtihom l-għajnuna Mulej, sabiex jerġgħu jakkwistaw
is-sens ta' dinjità tagħhom.

**KANT**

**Nitolbu flimkien**

Nitolbu skont ix-xewqa ta' Papa Franġisku, għal dawk kollha li jaħdmu jew jaqilgħu l-għixien tagħhom mill-baħar, fosthom il-baħrin, is-sajjieda u l-familji tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, ħu ħsieb lis-sajjieda u lill-baħħara. Agħtihom is-saħħa biex jissaportu l-ħruxija tal-baħar, u agħtihom l-għajnuna biex jibqgħu magħqudin mal-familji tagħhom minkejja d-distanzi twal u l-ħin li jqattgħu mifrudin minn xulxin.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, forsi ftit minna aħna konxji kemm niddependu fuq il-baħħara u s-sajjieda, kif ukoll kemm ibatu b'tant modi differenti. Għinna, Mulej, biex insiru aktar konxji ta' din it-tbatija u biex inżommuhom fit-talb tagħna.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej

Mulej, nitolbuk għall-kappillani u l-voluntieri ta' Stella Maris, ħalli huma jagħrfu l-bżonnijiet materjali u spiritwali tal-baħħara u jgħinuhom jegħlbu d-diffikultajiet materjali u spiritwali li jsibu ruħhom fihom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, nitolbu għal dawk il-baħħara li jinsabu maqbuda fuq il-vapuri u li minħabba din il-pandemija ma jistgħux imorru lura f'pajjiżhom u ħdejn il-maħbubin tagħhom.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.